MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Rikors Numru. 491/2008

**Avukat Kenneth Grima bħala mandatarju speċjali ta' *Trillion Limited***

***Versus***

**Avukat Richard Sladden u Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici maħtura b'dikriet tat-23 ta' Mejju 2008 kuraturi deputati biex jidhru għal *Boss Media AB*, soċjetà reġistrata l-Isvezja**

Dan il-provvediment huwa dwar talba ta' *Boss Media AB* ["id-debitriċi"] biex jitħassar mandat ta' qbid kawtelatorju maħruġ kontra tagħha fuq talba ta' *Trillion Limited* ["il-kreditriċi"].

Ir-raġunijiet għala d-debitriċi qiegħda titlob it-tħassir tal-mandat huma illi qiegħda tgħid illi l-ammont imħares taħt il-mandat ma huwiex *prima facie* ġustifikat, għax ma hemm ebda relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, u huwa wkoll eċċessiv, għax kien likwidat arbitrarjament mill-kreditriċi.

Il-kreditriċi qiegħda bil-mandat tħares il-pretensjoni tagħha għal danni minħabba ksur ta' ftehim. Għalhekk premessa tal-petensjoni tal-kreditriċi hija illi hemm kuntratt bejn il-partijiet.

Lil din il-qorti ntwera kuntratt bejn *Boss Media Antigua Limited*, soċjetà reġistrata l-Kanada, u *Pokertrillion Limited*, soċjetà reġistrata l-Ingilterra. Il-parti tal-kuntratt dwar *Boss Group Standard Terms and Conditions*, iżda, tgħid illi *Boss Group*, li d-debitriċi hija parti minnu, ukoll intrabat b'obbligazzjonijiet taħt il-kuntratt, u għalhekk ma jistax jingħad illi, għallinqas *prima facie*, ma hemmx relazzjoni kuntrattwali ma' dan il-grupp u mas-soċjetajiet li jifformaw parti minnu.

Barra minn hekk, relazzjoni kuntrattwali tista' tinħoloq mhux biss b'kitba iżda wkoll bi mġieba tal-partijiet. Dan jidher li ġara f'dan il-każ, kif jixhed il-fatt illi soċjetà oħra fil-*Boss Group* b'ittra tad-19 ta' Marzu 2008 għarrfet lill-kreditriċi illi "*Boss Media Malta Poker Limited hereby terminates the PPA* [*Poker Paretnership Agreement*]". Din hija xiehda tal-fatt illi l-kreditriċi wkoll titqies li hija parti fir-relazzjoni kuntrattwali mas-soċjetajiet fil-*Boss Group*.

Id-debitriċi qiegħda tgħid ukoll illi l-ammont imħares taħt il-mandat huwa wisq u kien likwidat arbitrarjament mis-sekwestranti.

Il-qorti, wara li qiset il-valur tan-negozju milqut bil-ftehim u rat il-*projections* maħduma mill-kreditriċi, hija tal-fehma li, għallinqas *prima facie*, ma jidhirx illi l-ammont huwa eċċessiv jew arbitrarju. Naturalment, il-kontijiet għandhom jitqiesu u jkunu mgħarbla b'aktar dettall waqt is-smigħ tal-kawża fuq il-meritu, iżda, għall-għanijiet tal-proċeduri tallum, huwa biżżejjed li jingħad illi ma jidhirx li *prima facie* l-ammont huwa eċessiv.

Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi d-debitriċi ma wrietx illi hemm raġunijiet biżżejjed għala l-mandat għandu jitħassar, u t-talba għat-tħassir tal-mandat hija miċħuda.

L-ispejjeż ikunu regolati skond l-eżitu tal-kawża fuq il-meritu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------